



Brussell, 8 ta' Marzu 2022
(OR. fr)

6668/22

Fajls Interistituzzjonali:

2021/0211(COD)
2021/0201(COD)
2021/0200(COD)
2021/0197(COD)
2021/0206(COD)
2021/0207(COD)
2021/0202(COD)

ENV 161
CLIMA 81
ENER 81
TRANS 129
AGRI 77
COMPET 139
ECOFIN 198
CODEC 248

NOTA

minn:	il-Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" a) Reviżjoni tad-Direttiva 2003/87/KE li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra (EU ETS) biex tiġi implimentata l-ambizzjoni tal-mira l-għdida għall-klima għall-2030 u l-proposti relatati b) Reviżjoni tar-Regolament (UE) 2018/842 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 (ESR) c) Reviżjoni tar-Regolament (UE) 2018/841 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF); d) Reviżjoni tar-Regolament (UE) 2019/631 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda e) Regolament li jistabbilixxi Fond Soċjali għall-Klima – Dibattitu ta' orjentazzjoni

1. Sabiex tiggwida d-dibattitu msemmi hawn fuq, li ser isir fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill (Ambjent) fis-17 ta' Marzu 2022, il-Presidenza ħejjiet nota b'żewġ mistoqsijiet, li jinsabu fl-Anness għal din in-nota.
 2. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden biex jieħu nota tan-nota u l-mistoqsijiet tal-Presidenza u jgħaddihom lill-Kunsill bil-ħsieb tal-iskambju ta' fehmiet imsemmi hawn fuq.
-

Pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %"

- Nota mill-Presidenza -

KUNTEST

Fl-14 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni ppubblikat l-ewwel parti tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", li kkomplementat b'tieni parti fl-14 ta' Diċembru 2021, li tinkludi tliet fajls fil-qasam tal-enerġija.

Il-Kunsill Ambjent, il-Kunsill Trasport u l-Kunsill Enerġija eżaminaw il-proposti għall-pakkett li jaqgħu fl-oqsma ta' kompetenza tagħhom fil-laqgħat tagħhom ta' Diċembru.

Il-Presidenza Slovena ħejjiet rapport ta' progress dwar il-pakkett kollu "Lesti għall-mira ta' 55 %" fit-22 ta' Novembru 2021 (id-dokument 13977/21), li jiffoka fuq l-aspetti orizzontali tal-pakkett u jenfasizza l-kwistjonijiet ewlenin li kienu tqajmu matul id-diskussjonijiet. F'dan ir-rapport, il-Presidenza Slovena nnotat li l-ħidma fuq il-biċċa l-kbira tal-fajls kienet għadha fi stadju preliminari, b'mod partikolari minħabba d-daqs u l-kumplessità tal-proposti u l-importanza politika tagħhom. Minħabba l-varjetà ta' proposti, id-diskussjonijiet ma kinux għamlu progress bl-istess pass fuq il-fajls kollha. Jidher li sar aktar progress f'xi wħud mill-proposti dwar it-trasport u l-enerġija taħt l-ewwel parti tal-pakkett, meta mqabbla mal-fajls taħt il-mandat tal-Kunsill Ambjent u l-Kunsill ECOFIN.

IL-PASSI LI JMISS

Il-Presidenza indikat li kellha l-intenzjoni li tkompli l-ħidma teknika fil-gruppi ta' ħidma sa tmiem l-ewwel kwart tas-sena sabiex tipproponi, hekk kif ikun possibbli, verżjonijiet riveduti ta' kull test, tindirizza kemm jista' jkun kwistjonijiet tekniċi fil-livell ta' grupp ta' ħidma, u tidentifika soluzzjonijiet possibbli għal kwistjonijiet ta' natura aktar politika.

F'dan il-kuntest, l-għan ta' din in-nota huwa li jiġu identifikati, għall-ħames testi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kunsill Ambjent, il-punti li fuqhom sar progress fil-ħidma teknika fi ħdan il-gruppi ta' ħidma, sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati malajr il-kompromessi; il-punti li fuqhom għadha għaddejja ħidma iżda li dwarhom jidher li jkun tajjeb li jitkomplew l-iskambji tekniċi fi ħdan il-gruppi ta' ħidma bil-għan ta' progress lejn kompromessi; u l-punti ta' natura aktar politika li għalihom jista' jkun meħtieġ arbitraġġ.

1. Direttiva ETS (Sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet)

Il-Presidenza kompliet teżamina r-reviżjoni tad-Direttiva ETS u testi relatati (Deċiżjoni dwar ir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq, Regolament MRV Marittimu). Din il-ħidma ppermettiet li jsir progress fuq għadd ta' kwistjonijiet prinċipalment tekniċi u li jitħejjew diskussjonijiet dwar ċerti suġġetti ta' natura aktar politika.

Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-ETS għal installazzjonijiet fissi, il-Presidenza nnotat progress fuq ċerti aspetti tekniċi tal-proposta tal-Kummissjoni. Għadd ta' dispożizzjonijiet li jikkonċernaw ir-Riżerva tal-Istabbiltà tas-Suq (korrezzjoni tal-effetti ta' limitu, inklużjoni tal-emissjonijiet tal-avjazzjoni u tat-trasport marittimu) u l-aspetti mhux finanzjarji relatati mal-Fondi għall-Modernizzazzjoni u għall-Innovazzjoni (lista ta' investimenti prijoritarji appoġġati mill-Fond għall-Modernizzazzjoni, żieda fil-perċentwal tal-Fond għall-Modernizzazzjoni investit f'dawn l-investimenti prijoritarji) kienu għalhekk appoġġati b'mod ġenerali mid-delegazzjonijiet.

Dispożizzjonijiet oħra li jikkonċernaw l-allokazzjoni bla ħlas ta' kwoti, bħaż-żieda fir-rata massima ta' tnaqqis annwali għall-punti ta' riferiment, kienu appoġġati minn maġġoranza ta' delegazzjonijiet, b'mod partikolari bil-għan kondiviż mill-maġġoranza tad-delegazzjonijiet li jiġi evitat li jiġi skattat il-fattur ta' korrezzjoni transsettorjali. Bosta delegazzjonijiet indikaw li setgħu jappoġġaw il-proposti tal-Kummissjoni dwar iż-żamma tal-installazzjonijiet taħt il-20 MW fl-ETS, kif ukoll il-limitu ta' 95 % tal-emissjonijiet tal-bijomassa biex dawn jiġu esklużi mill-ETS. Bl-istess mod, bosta delegazzjonijiet laqgħu l-proposti tal-Presidenza biex jiżdiedu t-trasparenza u l-effikaċja tal-governanza tal-fondi għall-modernizzazzjoni u għall-innovazzjoni. Madankollu, xi delegazzjonijiet żammew id-dubbi tagħhom dwar il-kondizzjonalità tal-allokazzjonijiet bla ħlas. Jeħtieġ li d-diskussjonijiet tekniċi dwar dawn id-dispożizzjonijiet jiġu żviluppati aktar.

Il-Presidenza identifika ukoll għadd ta' suġġetti ta' natura aktar politika li ser jeħtieġu eżami ulterjuri, b'mod partikolari dwar il-parametri relatati mal-limitu massimu u r-riżerva tal-istabbiltà tas-suq, il-mekkaniżmu ta' intervent fil-każ ta' żidiet eċċessivi fil-prezzijiet (l-aħħar punt mhuwiex parti mill-proposta tal-Kummissjoni, iżda kien is-suġġett ta' diversi proposti bil-miktub għal reviżjonijiet), l-użu tad-dħul tal-ETS mill-Istati Membri, inkluż permezz tal-Fond għall-Innovazzjoni u tal-Fond għall-Modernizzazzjoni, il-provvista ta' dawn il-fondi u t-trajettorja ta' kwoti bla ħlas b'rabta mal-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri.

Fir-rigward tal-proposta biex tiġi estiża l-ETS applikata għas-settur marittimu, il-Presidenza nnotat appoġġ ġenerali għall-proposta tal-Kummissjoni. L-ambitu ġeografiku magħżul għal din l-estensjoni ġie appoġġat mid-delegazzjonijiet.

Id-diskussjonijiet ippermettew ukoll eżami ulterjuri tat-test fil-livell tekniku, f'termini tal-kamp ta' applikazzjoni, id-durata tal-introduzzjoni gradwali tar-rekwiżiti applikabbli għat-trasport marittimu, il-klawżoli ta' rappurtar u ta' reviżjoni (inkluża l-artikolazzjoni mal-miżuri previsti mill-IMO), l-implimentazzjoni amministrattiva tal-iskema, bħall-emendi għar-Regolament MRV dwar il-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-verifika tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju mis-settur tat-trasport marittimu. Xi delegazzjonijiet xtaqu jiddiskutu d-definizzjoni tal-entità rregolata. Diversi delegazzjonijiet enfasizzaw il-ħtieġa li jiġi evitat u limitat b'mod aktar proattiv ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Barra minn hekk, xi delegazzjonijiet enfasizzaw il-ħtieġa li, permezz tad-dħul mill-ETS, tiġi appoġġata d-dekarbonizzazzjoni tas-settur. Xi delegazzjonijiet indikaw li kien għadu meħtieġ li jiġi analizzat l-impatt tal-inklużjoni fuq ir-reġjuni insulari, b'mod partikolari fuq il-livell tas-servizzi tat-trasport li jaqduhom; oħrajn issuġġerew li jitqiesu l-isfidi tan-navigazzjoni fix-xitwa.

Rigward l-ETS applikata għas-settur tal-avjazzjoni u l-applikazzjoni tal-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSIA), il-Presidenza nnotat appoġġ ġenerali mid-delegazzjonijiet għall-proposta tal-Kummissjoni, b'mod partikolari l-proposta għal delineazzjoni bejn l-applikazzjoni tal-ETS għat-titjiriet intra-Ewropej (u għar-Renju Unit u l-Iżvizzera) u l-applikazzjoni ta' CORSIA biss għat-titjiriet internazzjonali lejn jew minn pajjiżi terzi. It-trajettorja għall-abolizzjoni tal-kwoti bla ħlas proposta mill-Kummissjoni kienet appoġġata minn bosta delegazzjonijiet; diversi delegazzjonijiet qiesu li l-abolizzjoni tal-kwoti bla ħlas għandha tiġi aċċellerata filwaqt li oħrajn appellaw għal aktar progressività. Xi delegazzjonijiet qajmu wkoll tħassib dwar l-isfidi tal-konnettività jew tal-kompetittività tas-settur, marbuta mal-impatt kumulattiv tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" fuq is-settur tal-avjazzjoni, filwaqt li għarfu r-responsabbiltà tas-settur li jikkontribwixxi għas-sehem ġust tiegħu.

Fir-rigward tal-proposta biex tinholq ETS ġdida applikata għas-setturi tat-trasport bit-triq u tal-bini, li ġiet diskussa fil-livell tekniku fil-Grupp ta' Ħidma fis-7 ta' Frar u diskussa fil-livell tal-COREPER fl-4 ta' Marzu, il-Presidenza nnotat differenzi sinifikanti ta' opinjoni dwar il-proposta tal-Kummissjoni f'dan l-istadju tad-diskussjonijiet u nnotat li l-kwistjonijiet soċjali, ekonomiċi u finanzjarji marbuta magħhom kellhom dimensjoni politika qawwija. Diversi delegazzjonijiet esprimew oppożizzjoni jew riżervi f'dan l-istadju rigward il-proposta tal-Kummissjoni prinċipalment għal raġunijiet ta' aċċettabbiltà soċjali, b'mod partikolari għall-unitajiet domestiċi. Madankollu, il-biċċa l-kbira tad-delegazzjonijiet għarfu r-realtà tal-problema taż-żieda fl-emissjonijiet fis-setturi tat-trasport bit-triq u tal-bini.

Xi delegazzjonijiet ikkritikaw ir-rilevanza kbira tal-mekkaniżmu għall-kisba tal-oġettivi tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", xi wħud issuġġerew li jiġi kkunsidrat it-tisħiħ tal-istandards u l-miri previsti f'testi oħra tal-pakkett, sabiex jinkiseb l-oġettiv tal-Unjoni Ewropea li jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-2030. Delegazzjonijiet oħra dehru li kkunsidraw li d-diffikultà kienet dovuta għan-nuqqas ta' mezzi finanzjarji suffiċjenti biex jakkumpanjaw lill-unitajiet domestiċi. Fl-aħħar nett, delegazzjonijiet oħra qiesu li d-data tad-dħul fis-seħħ kienet kmieni wisq jew li l-implimentazzjoni kienet wisq malajr.

Min-naħa l-oħra, diversi delegazzjonijiet qiesu li huwa essenzjali li tiġi introdotta ETS ġdida għal dawn iż-żewġ setturi, flimkien mal-istrumenti eżistenti, sabiex jinkisbu l-oġettivi klimatiċi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Huma ddefendew fost l-oħrajn is-siwi tal-istrument bħala għodda li tiġġenera d-dħul. Xi delegazzjonijiet appoġġaw ukoll l-estensjoni tal-ETS il-ġdida għall-fjuwils fossili kollha.

2. Ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESR)

Il-Presidenza Françiża kompliet teżamina r-reviżjoni tar-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi fil-livell tekniku. Il-mira l-ġdida tal-UE għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fis-setturi tal-ESR kienet appoġġata b'mod wiesa' mid-delegazzjonijiet. Il-Presidenza nnotat ukoll l-appoġġ ġenerali tad-delegazzjonijiet biex il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ma jinbidilx, biex jinżammu r-regoli fis-seħħ għall-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet fl-2021 u l-2022, u biex l-aċċess ta' Malta għall-flessibbiltà tal-ETS żdied għal 7 %. Il-proposta li tinholq riżerva fakultattiva addizzjonali ġiet appoġġata b'mod wiesa' mid-delegazzjonijiet, għalkemm xi delegazzjonijiet esprimew dubji dwar il-valur miżjud tagħha.

Il-Presidenza identifikat għadd ta' suġġetti li dwarhom għandhom ikomplu d-diskussjonijiet tekniċi biex isir progress lejn test ta' kompromess. Għadd ta' delegazzjonijiet issottlinjaw il-ħtieġa li tiġi riflessa aħjar il-konverġenza fit-test bil-għan li tinkiseb in-newtralità klimatika fl-2050. L-importanza tal-prevedibbiltà għall-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet tqajmet minn diversi delegazzjonijiet, b'rabta mal-aġġornament propost tat-trajettorja 2026-2030 fl-2025 fid-dawl tal-effetti tal-pandemija tal-COVID-19. Fir-rigward tal-flessibbiltajiet, jistgħu jiġu esplorati toroq differenti filwaqt li jiġi żgurat li jinżamm il-bilanċ mal-integrità ambjentali tal-proposta. Xi delegazzjonijiet ipproponew it-titjib tat-trasparenza tat-trasferimenti tal-allokazzjonijiet annwali tal-emissjonijiet bejn l-Istati Membri. Xi delegazzjonijiet esprimew ix-xewqa li jiġu esplorati bidliet fil-flessibbiltà mill-ETS, pereżempju billi jittaffew il-kondizzjonijiet għall-użu tal-flessibbiltà u xi wħud tennew il-ħtieġa li jiġi vvalutat l-impatt fuq l-ETS. Id-delegazzjonijiet esprimew fehmiet diverġenti dwar il-proposta biex il-flessibbiltà mil-LULUCF tinqasam f'żewġ perijodi, li madankollu jidher li għandhom rabta importanti mal-konformità mal-Liġi Ewropea dwar il-Klima fir-rigward tal-kontribut massimu tal-bjar.

Barra minn hekk, diversi delegazzjonijiet esprimew tħassib dwar il-livell ta' ambizzjoni tal-mira nazzjonali proposta tagħhom, filwaqt li oħrajn setgħu jaċċettaw il-mira proposta mill-Kummissjoni.

3. Ir-Regolament dwar l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF)

Il-Presidenza Franċiża komplot teżamina r-reviżjoni tar-Regolament dwar l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fuq livell tekniku. Id-diskussjonijiet għamluha possibbli li jsir progress fl-eżami tat-test, li jiġu ċċarati ċerti aspetti tekniċi tal-proposta u li jiġu eżaminati l-għażliet ta' kompromess inizjali proposti mill-Presidenza. Il-mira ta' 310 Mt CO₂eq ta' assorbimenti netti fil-livell tal-Unjoni sal-2030 ġiet appoġġata b'mod wiesa' mid-delegazzjonijiet. Il-Presidenza nnotat ukoll il-qbil ġenerali tad-delegazzjonijiet dwar għadd ta' dispożizzjonijiet proposti mill-Kummissjoni, partikolarment dwar il-kamp ta' applikazzjoni sal-2030, l-impenji għall-2021-2025, l-użu tad-dħul mil-LULUCF u r-rabta bejn it-trasferimenti tal-LULUCF u proġetti speċifiċi ta' mitigazzjoni, kumpens addizzjonali skont l-Artikolu 13 jew aġġustamenti tekniċi oħra. Barra minn hekk, il-Presidenza u l-Kummissjoni pprovdew kjarifiki dwar it-tħaddim tal-korrezzjoni teknika li ppermettiet li jsir progress lejn fehim komuni ta' dan il-mekkaniżmu.

Il-Presidenza identifikat għadd ta' suġġetti li dwarhom għandhom ikomplu d-diskussjonijiet tekniċi biex isir progress lejn test ta' kompromess u jwasslu għat-tnejja tal-ewwel verżjoni riveduta parzjali tal-proposta. Il-Presidenza pproponiet pakkett ta' proposti ta' kompromess bil-għan li jinstab bilanċ bejn, minn naħa, il-kapaċità addizzjonali, biex jiġi indirizzat it-tfassil dwar il-livell ta' ambizzjoni tal-oġġettivi, il-varjabbiltà interannwali tas-settur tal-LULUCF, u l-konsiderazzjoni partikolarment tad-disturbi naturali u, min-naħa l-oħra, l-integrità ambjentali tar-Regolament LULUCF. Dwar it-trajettorja lineari u l-governanza tal-oġġettivi, id-delegazzjonijiet laqgħu l-ewwel għażliet proposti mill-Presidenza biex jittieħed kont aħjar tal-varjabbiltà interannwali tas-setturi koperti mir-Regolament. Diversi delegazzjonijiet issottlinjaw il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati flessibbiltajiet f'qafas ġenerali, inkluż b'kont meħud tar-rabtiet mal-proposta tal-ESR. Diversi delegazzjonijiet issuġġerew it-tfassil tal-miżura stabbilita fl-Artikolu 13 dwar il-governanza tal-oġġettivi. Id-delegazzjonijiet esprimew fehmiet diverġenti dwar it-tneħħija tal-possibbiltà li l-appropriazzjonijiet tal-LULUCF jitqiegħdu f'riżerva mill-perijodu tal-2021-2025 għall-perijodu tal-2026-2030. Għadd ta' delegazzjonijiet indikaw li huma setgħu jappoġġaw il-proposti tal-Presidenza għal distribuzzjoni ġdida tal-ammont massimu tal-mekkaniżmu ta' flessibbiltà previst fl-Anness VII, l-illaxkar tal-kondizzjonijiet għall-attivazzjoni tal-mekkaniżmu ta' flessibbiltà stabbilit fl-Artikolu 13, u l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar id-disturbi naturali għall-art kollha. Diversi delegazzjonijiet esprimew l-interess tagħhom fil-possibbiltà li tinżamm l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-kontabbiltà applikabbli fil-każ ta' disturbi naturali għall-perijodu 2026-2030. Id-diskussjonijiet għandhom ikomplu dwar l-aktar mod xieraq kif jittieħed kont tal-impatt tad-disturbi naturali. Il-COREPER tal-4 ta' Marzu kkonferma li għandha tingħata aktar konsiderazzjoni teknika lill-għażliet li jintroduċu aktar flessibbiltà fir-Regolament, filwaqt li tiġi żgurata l-integrità ambjentali tiegħu.

Matul id-diskussjonijiet fil-livell tekniku, diversi delegazzjonijiet esprimew ukoll tħassib dwar il-miri nazzjonali proposti għall-2030, inkluż il-livell ta' ambizzjoni tagħhom, il-kriterji għall-kalkolu tal-miri u t-trajettorja annwali. Id-delegazzjonijiet esprimew fehmiet diverġenti dwar il-qafas propost għal wara l-2030, b'diversi delegazzjonijiet li kkunsidraw li kien prematur li jiġu introdotti dispożizzjonijiet għal wara l-2030 filwaqt li ftit oħrajn kienu favur. Id-diskussjonijiet dwar dawn il-kwistjonijiet jistgħu jkomplu fi stadju aktar tard.

4. Ir-Regolament dwar l-istandards tas-CO2 għall-karozzi u l-vannijiet

Il-Presidenza Franċiża kompliet teżamina r-reviżjoni tar-Regolament dwar l-istandards tas-CO2 matul l-ewwel trimestru. Jidher li l-biċċa l-kbira tal-kwistjonijiet pendenti huma ta' natura politika.

F'dan il-kuntest, l-iskambji kienu strutturati madwar tliet temi ewlenin: l-oġettivi numeriċi tattnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO2 mill-karozzi u mill-vannijiet; it-tneħħija tad-deroga għall-manifatturi b'numri ta' reġistrazzjoni baxxi u l-iskema ta' inċentivi għal vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi; il-kontenut u ż-żmien tar-rapporti ta' progress u ta' evalwazzjoni previsti fir-Regolament propost.

Dwar il-miri numeriċi, diversi delegazzjonijiet esprimew appoġġ għall-proposta tal-Kummissjoni kemm għall-karozzi kif ukoll għall-vannijiet, fl-2025, fl-2030 u fl-2035. Diversi delegazzjonijiet iddefendew it-tisħiħ u/jew l-antiċipazzjoni ta' ċerti oġettivi jew saħansitra l-introduzzjoni ta' miri intermedji; min-naħa l-oħra, xi delegazzjonijiet appellaw għal aktar progressività, jew saħansitra l-posponiment tad-deċiżjoni dwar il-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ta' 100 % lil hinn mill-2035, għall-vetturi ħfief kollha jew għall-vannijiet biss.

Dwar l-iskema ta' inċentivi għal vetturi b'emissjonijiet baxxi jew żero, diversi delegazzjonijiet appoġġaw il-proposta tal-Kummissjoni għal tħassir fl-2030; xi delegazzjonijiet riedu jżommu l-iskema wara l-2030 billi tiġi mmirata aktar, xi delegazzjonijiet riedu jżommuha b'mod ġenerali; oħrajn, min-naħa l-oħra, riedu jantiċipaw dan it-tħassir. Dwar it-tneħħija tad-deroga għall-manifatturi responsabbli għal numru żgħir ta' reġistrazzjonijiet fl-2030, diversi delegazzjonijiet setgħu jappoġġaw il-proposta tal-Kummissjoni; xi delegazzjonijiet xtaqu jżommu d-deroga attwalment fis-seħħ; oħrajn, min-naħa l-oħra, riedu jantiċipaw dan it-tħassir.

Fir-rigward tal-arranġamenti għar-reviżjoni tar-Regolament, diversi delegazzjonijiet esprimew appoġġ għall-proposta tal-Kummissjoni biex dan isir fl-2028; xi delegazzjonijiet ippreferew javvanzaw ir-reviżjoni tar-Regolament qabel l-2028. Diversi delegazzjonijiet xtaqu wkoll iżidu mal-kontenut tar-rapporti ta' progress previsti fir-Regolament.

5. Ir-Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-Klima

Il-Presidenza Franċiża bdiet teżamina t-test artikolu b'artikolu fir-Regolament dwar il-Fond Soċjali għall-Klima. Matul id-diskussjonijiet inizzjali fil-livell tekniku, xi Stati Membri indikaw li ġeneralment kienu favur l-idea u l-prinċipju ta' fond; oħrajn esprimew dubji dwar il-kunċett propost; oħrajn kellhom riżervi dwar il-ħolqien ta' fond ġdid; oħrajn ħarsu wkoll b'mod negattiv lejn din il-proposta minħabba l-oppożizzjoni tagħhom għall-ħolqien ta' ETS għat-trasport bit-triq u l-bini, jew minħabba li diġà kellhom sistema simili ta' tassazzjoni fuq il-karbonju.

Il-Presidenza nnotat konverġenza ta' fehmiet fost id-delegazzjonijiet dwar għadd ta' dispożizzjonijiet: li jiġi limitat il-kontenut tal-Pjanijiet Soċjali għall-Klima kif meħtieġ biex jiġi evitat piż amministrattiv eċċessiv; jiġi ċċarat li l-fond jista' jappoġġa arranġamenti eżistenti u ġodda fl-Istat Membru; l-introduzzjoni tar-referenza għal metodoloġija tal-Kummissjoni biex tgħin lill-Istati Membri jistmaw l-impatti tal-ETS.

Il-Presidenza identifikat diversi suġġetti li dwarhom għandhom ikomplu d-diskussjonijiet tekniċi bil-ħsieb li tintlaħaq verżjoni ta' kompromess: il-possibbiltà għall-Istati Membri li jiffinanzjaw nefqa ta' assistenza teknika marbuta mal-ġestjoni u l-kontroll tal-Fond Soċjali għall-Klima, li l-ammont tagħha jiġi diskuss fil-forum baġitarju; il-proċess ta' validazzjoni tal-pjanijiet; il-kontenut tal-pjanijiet; il-proporzjonalità tal-piż tar-rappurtar.

Il-Presidenza identifikat ukoll diversi suġġetti ta' natura aktar politika li ser jeħtieġu eżami ulterjuri, b'mod partikolari dwar il-mod li bih il-fond huwa ġestit, il-kamp ta' applikazzjoni tal-fond u l-possibbiltà ta' appoġġ dirett għad-dħul (l-aħħar tnejn għandhom implikazzjonijiet baġitarji).

MISTOQSIJIET GĦAD-DISKUSSJONI

- 1. Sa liema punt tqis li sistema ta' kwoti tal-emissjonijiet għas-setturi tat-trasport bit-triq u tal-bini (ETS TRB) hija għodda effettiva biex jitnaqqsu l-emissjonijiet sabiex tintlaħaq il-mira ta' -55 % fl-2030? Liema għażliet u parametri ewlenin (skeda ta' żmien, ambitu, eċċ.) tqis li huma l-aktar rilevanti, f'każ li dan ma jseħħx, sabiex tittejjeb l-aċċettabbiltà ta' skema bħal din filwaqt li tiġi żgurata l-effettività tagħha? F'każ ta' riżervi qawwija, liema għażliet konkreti oħra tikkunsidra li tintroduċi fil-livell Ewropew biex tiżgura li dawn is-setturi jikkontribwixxu b'mod adegwat biex jintlaħqu l-miri klimatiċi tal-Unjoni?*
- 2. Jekk jiġi stabbilit l-ETS TRB, x'għandhom ikunu l-parametri tal-Fond Soċjali għall-Klima li għandhom jintużaw, sabiex ikun jista' jappoġġa b'mod effettiv l-aktar gruppi vulnerabbli?*
